



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Ottubru 2022  
(OR. en)

12769/22

LIMITE

CORLX 844  
CFSP/PESC 1229  
RELEX 1239  
COEST 680  
FIN 959

#### ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:           REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplementa r-Regolament (UE) 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...**

**ta' ...**

**li jimplimenta r-Regolament (UE) 269/2014 dwar miżuri restrittivi  
fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali,  
is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

---

<sup>1</sup> ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6.

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 269/2014.
- (2) L-Unjoni tibqa' soda fl-appoġġ tagħha għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna.
- (3) Fil-21 ta' Settembru 2022, minkejja diversi appelli mill-komunità internazzjonali lill-Federazzjoni Russa biex twaqqaf minnufih l-aggressjoni militari tagħha kontra l-Ukrajna, il-Federazzjoni Russa ddeċidiet li tkompli teskala l-aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna billi appoġġat l-organizzazzjoni ta' "referenda" illegali fil-partijiet tar-reġjuni ta' Donetsk, Kherson, Luhansk u Zaporizhzhia li bħalissa huma okkupati mill-Federazzjoni Russa. Il-Federazzjoni Russa kompliet teskala wkoll l-aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna billi ħabbret mobilizzazzjoni fil-Federazzjoni Russa u billi reġġet heddet li tuża armi ta' qerda massiva.

(4) Fit-28 ta' Settembru 2022, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli") ħareġ dikjarazzjoni fisem l-Unjoni li tikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli r-"referenda" fittizji illegali li saru f'partijiet tar-reġjuni ta' Donetsk, Kherson, Luhansk, u Zaporizhzhia tal-Ukrajna li bħalissa huma parzjalment okkupati mir-Russja. Ir-Rappreżentant Għoli ddikjara wkoll li l-Unjoni ma tirrikonoxxix u qatt mhi ser tirrikonoxxi dawn ir-"referenda" fittizji illegali u l-eżitu ffalsifikat tagħhom, u ebda deċiżjoni meħuda abbażi ta' dan l-eżitu, u ħeġġeġ lill-Membri kollha tan-Nazzjonijiet Uniti biex jagħmlu l-istess. Bl-organizzazzjoni ta' dawk ir-"referenda" fittizji illegali, ir-Russja kellha l-għan li tbiddel bil-forza l-fruntieri tal-Ukrajna rikonnoxxuti internazzjonalment, li jikkostitwixxi ksur ċar u serju tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti ("il-Karta tan-NU"). Ir-Rappreżentant Għoli indika wkoll li dawk kollha involuti fl-organizzazzjoni ta' dawk ir-"referenda" fittizji illegali kif ukoll dawk responsabbli għal ksur ieħor tad-dritt internazzjonali fl-Ukrajna ser jinżammu responsabbli u li ser jitressqu miżuri restrittivi addizzjonali kontra r-Russja f'dan ir-rigward. Ir-Rappreżentant Għoli fakkar li l-Unjoni tibqa' soda fl-appoġġ tagħha għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fil-konfini rikonnoxxuti internazzjonalment tagħha, u tesiġi li r-Russja tirtira immedjatament, għalkollox u mingħajr kondizzjonijiet, it-truppi u t-tagħmir militari kollha tagħha mit-territorju kollu tal-Ukrajna. Ir-Rappreżentant Għoli ddikjara wkoll li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jappoġġaw l-isforzi tal-Ukrajna għal dan l-għan, sakemm ikun meħtieġ..

(5) Fit-30 ta' Settembru 2022, il-membri tal-Kunsill Ewropew adottaw dikjarazzjoni fejn irrifjutaw bil-qawwa u kkundannaw b'mod inekwivoku l-annessjoni illegali mir-Russja tar-reġjuni ta' Donetsk, Kherson, Luhansk u Zaporizhzhia tal-Ukrajna. Billi intenzjonalment iddgħajjed l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli u tikser b'mod sfaċċat id-drittijiet fundamentali tal-Ukrajna għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali, prinċipji ewlenin kif minquxa fil-Karta tan-NU u fid-dritt internazzjonali, ir-Russja qed tpoġġi s-sigurtà dinjija friskju. Il-membri tal-Kunsill Ewropew iddikjaraw li ma jirrikonoxxux u qatt mhu ser jirrikonoxxu r-"referenda" illegali li r-Russja fasslet bħala pretest għal dan il-ksur ulterjuri tal-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna, u lanqas ir-risultati ffalsifikati u illegali tagħhom. Huma ddikjaraw li qatt mhu ser jirrikonoxxu l-annessjoni illegali, li dawk id-deċiżjonijiet huma nulli u bla effett u ma jistgħu jipproduċu l-ebda effett legali u li Donetsk, Kherson, Krimea, Luhansk u Zaporizhzhia huma l-Ukrajna. Huma appellaw lill-Istati u l-organizzazzjonijiet internazzjonali kollha biex b'mod inekwivoku jirrifjutaw l-annessjoni illegali u fakkru li l-Ukrajna qed teżerċita d-dritt leġittimu tagħha li tiddefendi lilha nnifisha kontra l-aggressjoni Russa biex terġa' tikseb il-kontroll sħiħ tat-territorju tagħha u għandha d-dritt li tillibera territorji okkupati fi ħdan il-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment. Il-membri tal-Kunsill Ewropew iddikjaraw li ser isaħħu l-miżuri restrittivi tal-Unjoni kontra l-azzjonijiet illegali tar-Russja u jkomplu jżidu l-pressjoni fuq ir-Russja biex ittemm il-gwerra ta' aggressjoni tagħha.

- (6) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, il-Kunsill iqis li jenħtieġ li jiżdiedu 30 persuna u seba' entitajiet responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi kif tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) 269/2014.
- (7) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 269/2014 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-persuni u l-entitajiet elenkati fl-Anness għal dan ir-Regolament għandhom jizziedu mal-lista li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidhrol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

## ANNEX

Il-persuni u l-entitajiet li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014:

Persuni

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
"1233.	Aleksander Dmitrievich KHARICHEV (Александр Дмитриевич ХАРИЧЕВ)	Data tat-twelid: 8.2.1966 Post tat-twelid: Kostroma, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Il-Kap tad-Diviżjoni tal-Operazzjoni tal-Kunsill tal-Istat fl-Amministrazzjoni tal-President tal-Federazzjoni Russa. Id-Diviżjoni ngħatat il-kompitu tat-tnejjijiet għar-referenda illegali fir-reġjuni okkupati tal-Ukrajna. Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplementa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	+

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elencar
1234.	Boris Yakovlevich РАПОРОТ (Борис Яковлевич РАПОРОТ)	Data tat-twelid: 14.8.1967 Post tat-twelid: Leningrad, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa St. Petersburg, il- Federazzjoni Russa) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Individwi assoċjati: Alexander Kharichev Entitajiet assoċjati: Direttorat Presidenzjali tal-Federazzjoni Russa	Il-Viċi Kap tad-Diviżjoni tal-Operazzjoni tal-Kunsill tal-Istat fl-Amministrazzjoni tal-President tal-Federazzjoni Russa. Id- Diviżjoni ngħatat il-kompitu tat-tnejjiet għar-referenda illegali fir-reġjuni okkupati tal-Ukrajna. Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	+

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
1235.	Anton Viktorovich KOLTSOV (АНТОН ВИКТОРОВИЧ КОЛЬЦОВ)	Data tat-twelid: 24.6.1973 Post tat-twelid: Cherepovets, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Entitajiet assoċjati: Gvern tal-Federazzjoni Russa	Inħatar bħala l-hekk imsejjaħ "Kap tal-Gvern tar-Reġjun ta' Zaporizhzhia" fit-18 ta' Lulju 2022 u kien involut fit-tnejniet għar-referendum illegali biex Zaporizhzhia ssir parti mill-Federazzjoni Russa. Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplementa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	+

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1236.	<p>Alexey Sergeevich SELIVANOV</p> <p>(Bir-Russu: Алексей Сергеевич СЕЛИВАНОВ)</p> <p>magħruf ukoll bħala Oleksiy Sergiyovich SELIVANOV</p> <p>(BI-Ukren: Олексій Сергійович СЕЛІВАНОВ)</p>	<p>Data tat-twelid: 7.12.1980</p> <p>Post tat-twelid:</p> <p>Kyiv, preċedentement magħrufa bħala Ukrainian SSR (issa l-Ukrajna)</p> <p>Nazzjonalità: Ukrena, Russa</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Entitajiet assoċjati: Gvern tal-Federazzjoni Russa</p>	<p>L-hekk imsejjaħ "Viċi Kap tad-Direttorat Ewlieni tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni tal-Amministrazzjoni Militari-Ċivili ta' Zaporizhzhia".</p> <p>Għalhekk huwa parti mill-hekk imsejjaħ gvern tar-Reġjun okkupat ta' Zaporizhzhia responsabbli mit-tnejn ta' referendum illegali biex Zaporizhzhia ssir parti mill-Federazzjoni Russa.</p> <p>Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplementa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	+

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
1237.	Anton Robertovich TITSKIY (Антон Робертович ТИЦКИЙ)	Data tat-twelid: 12.2.1990 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Entitajiet assoċjati: Gvern tal-Federazzjoni Russa	Inħatar bħala l-hekk imsejjaħ "Ministru għall-Politika taż-Żgħażaġħ tar-Reġjun ta' Zaporizhzhia" mill-gvern tal-Federazzjoni Russa fit-18 ta' Lulju 2022. Għalhekk huwa parti mill-hekk imsejjaħ gvern tar-Reġjun ta' Zaporizhzhia responsabbli mit-tnejn ta' referendum illegali biex Zaporizhzhia ssir parti mill-Federazzjoni Russa.  Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	+

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1238.	Sergey Vladimirovich ELISEEV (Сергей Владимирович ЕЛИСЕЕВ)	Data tat-twelid: 5.5.1971 Post tat-twelid: Stavropol, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa) Nazzjonalità: Russa Sess: Raġel Indirizz: Kherson Oblast, Ukraine Entitajiet assoċjati: Gvern tal-Federazzjoni Russa	Inħatar bħala l-hekk imsejjaħ "Kap tal-Amministrazzjoni Militari-Ċivili ta' Kherson" mill-gvern tal-Federazzjoni Russa fil-5 ta' Lulju 2022. Għalhekk huwa parti mill-hekk imsejjaħ gvern tar-Reġjun okkupat ta' Kherson responsabbli mit-tnejniet ta' referendum illegali biex Kherson isir parti mill-Federazzjoni Russa .  Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplementa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	+

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
1239.	Mikhail Leonidovich RODIKOV (Михаил Леонидович РОДИКОВ)	Data tat-twelid: 26.1.1958 Post tat-twelid: Ozyory, Moscow region, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Individwi assoċjati: Sergey Eliseev Entitajiet assoċjati: Gvern tal-Federazzjoni Russa	Inħatar bħala l-hekk imsejjaħ “Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xjenza” fl-Amministrazzjoni Militari-Ċivili ta' Kherson mill-gvern tal-Federazzjoni Russa fl-4 ta' Lulju 2022 u huwa responsabbli għall-adattament tas-sistema edukattiva ta' Kherson għall-istandards Russi. Għalhekk huwa parti mill-hekk imsejjaħ gvern tar-Reġjun okkupat ta' Kherson responsabbli mit-tħejjijiet ta' referendum illegali biex Kherson isir parti mill-Federazzjoni Russa. Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplementa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	+

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1240.	Vladimir Alexandrovich BESPALOV (Владимир Александрович БЕСПАЛОВ)	Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Entitajiet assoċjati: Gvern tal-Federazzjoni Russa	Inħatar bħala l-hekk imsejjaħ “Ministru għall-Politika Domestika” tal-Amministrazzjoni Militari-Ċivili ta' Kherson mill-gvern tal-Federazzjoni Russa fl-4 ta' Lulju 2022. Għalhekk huwa parti mill-hekk imsejjaħ gvern tar-Reġjun okkupat ta' Kherson responsabbli mit-tħejjijiet ta' referendum illegali biex Kherson isir parti mill-Federazzjoni Russa. Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	+

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1241.	Vitaliy Pavlovich KHOTSENKO (Віталій Павлович ХОЦЕНКО)	Data tat-twelid: 18.3.1986 Post tat-twelid: Dnepropetrovsk, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Ukrajna) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Indirizz: Donetsk, Ukraine	Inħatar Prim Ministru tal-hekk imsejħa Repubblica tal-Poplu ta' Donetsk fit-8 ta' Ġunju 2022 u għalhekk huwa responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplementa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	+

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1242.	Vladislav Garievich KUZNETSOV (Владислав Гариевич КУЗНЕЦОВ)	Data tat-twelid: 18.3.1969 Post tat-twelid: Moscow, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Inħatar fit-8 ta' Ġunju 2022 l-Ewwel Viċi President tal-gvern tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" u għalhekk huwa responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" separatisti tal-gvern tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk".  Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	+

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elencar
1243.	Nikolay Ivanovich BULAYEV (Николай Иванович БУЛАЕВ)	Data tat-twelid: 1.9.1949 Post tat-twelid: Kazachya Sloboda, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Il-viċi president tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali Russa. F'Settembru 2022, huwa kien responsabbli għas-sorveljanza tal-proċeduri ta' votazzjoni biex jitwettqu r-"referenda" illegali dwar l-annessjoni illegali tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk", tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk", u tar-Reġjuni tal-Ukrajna ta' Zaporozhzhia u Kherson mill-Federazzjoni Russa. Taħt il-gwida tiegħu, infetħu postijiet tal-votazzjoni fil-Federazzjoni Russa sabiex tiġi ffaċilitata din il-votazzjoni.  Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna, jew li ostakolaw il-ħidma ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fl-Ukrajna.	+

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1244.	Evgeniy Alexandrovich SOLNTSEV (Евгений Александрович СОЛНЦЕВ)	Data tat-twelid: 1980 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	L-hekk imsejjaħ "Viċi President tal-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" mit-8 ta' Ġunju 2022.  Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa responsabbli għal li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna, jew li jostakolaw il-ħidma ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fl-Ukrajna.	+

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1245.	Alexander Konstantinovich KOSTOMAROV (Александр Константинович КОСТОМАРОВ)	Data tat-twelid: 13.5.1977 Post tat-twelid: Chelyabinsk, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	L-hekk imsejjaħ "l-Ewwel Viċi Kap tal-amministrazzjoni tal-Kap tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" mit-8 ta' Ġunju 2022. Billi assumu u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa responsabbli għal li jappoġġa u jimplementa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna, jew li jostakolaw il-ħidma ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fl-Ukrajna.	+

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1246.	Alan Valerievich LUSHNIKOV (Алан Валерьевич ЛУШНИКОВ)	Data tat-twelid: 10.8.1976 Post tat-twelid: Leningrad, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa St. Petersburg, il-Federazzjoni Russa) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Entitajiet assoċjati: JSC Kalashnikov Concern	L-akbar azzjonist tal-produttur tal-armi JSC Kalashnikov Concern. JSC Kalashnikov Concern huwa żviluppatur u manifattur Russu ta' tagħmir tal-armata, inkluż azzarini personali, missili u vetturi. Huwa kkontrollat direttament minn Rostec. Missili ggwidati tal-inġenji tal-ajru Vikhr-1 u azzarini tal-assalt AK-12 prodotti minn JSC Kalashnikov Concern intużaw mill-Forzi Armati Russi matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fl-2022. Huwa għalhekk responsabbli talli appoġġa, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li dgħajfu jew heddeu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, huwa assoċjat ma' JSC Kalashnikov Concern, li huwa responsabbli talli appoġġa, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li dgħajfu jew heddeu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna. Il-korporazzjonijiet tad-difiża tar-Russja u l-individwi affiljati magħhom jibbenefikaw mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna li għaddejja bħalissa. JSC Kalashnikov Concern jikkontribwixxi kemm għall-provvista ta' armi lill-Forzi Armati Russi kif ukoll jibbenefika mill-hteġa dejjem tikber għall-armi. Għalhekk, Alan Lushnikov qed jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.	+

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elencar
1247.	Yulia Dmitrievna CHICHERINA (Юлия Дмитриевна ЧИЧЕРИНА)	Data tat-twelid: 07.8.1978 Post tat-twelid: Sverdlovsk, Federazzjoni Russa Nazzjonalità: Russa Sess: mara	Hija kantanta prominenti Russa. Hija tuża l-prominenza konsiderevoli tagħha biex pubblikament iddgħajjed jew thedded l-integrità territorjali u s-sovranità tal-Ukrajna, pereżempju billi tmaqdar is-simboli tal-istat Ukren u turi pubblikament l-appoġġ tagħha għall-annessjoni Russa tal-Ukrajna fit-territorju Ukren okkupat mir-Russja.  Għaldaqstant, qed tappoġġa materjalment azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	+

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1248.	Dmitry Vitalyevich BULGAKOV (Дмитрий Витальевич БУЛГАКОВ)	Data tat-twelid: 20.10.1954 Post tat-twelid: Verkhneye Gurovo, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Viċi Ministru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa sa Settembru 2022 u General fl-Armata Russa. F'dan ir-rwol, huwa responsabbli għall-isforz tal-gwerra Russa b'mod ġenerali. Barra minn hekk, huwa ġġustifika, iddefenda u appoġġa apertament il-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l- Ukrajna.  Għalhekk huwa responsabbli talli appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	+

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1249.	Yunus-Bek Bamatgireevich EVKUROV (Юнус-Бек Баматгиреевич ЕВКУРОВ)	Data tat-twelid: 30.7.1963 Post tat-twelid: North Ossetian Autonomous SSR (issa l- Federazzjoni Russa) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Viċi Ministru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa. F'dan ir- rwol huwa responsabbli għall-isforz tal-gwerra Russu b'mod ġenerali. Fid-dehriet tiegħu fil-pubbliku, jiġġustifika apertament il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l- Ukrajna. Permezz tad-dehriet tiegħu fil-pubbliku u tas-sehem tiegħu fiċ-ċerimonji tal-għoti ta' premijiet u medalji, huwa jiġbor l-appoġġ domestiku għall-gwerra. Barra minn hekk, l- azzjonijiet tiegħu juru li huwa jappoġġa b'mod attiv il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.  Għalhekk huwa responsabbli talli appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	+

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1250.	<p>Ruslan Khadzismelovich TSALIKOV (Руслан Хаджисмелович ЦАЛИКОВ)</p>	<p>Data tat-twelid: 31.7.1956 Post tat-twelid: Ordzhonikidze, North Ossetian Autonomous SSR (issa Vladikavkaz, the Republic of North Ossetia–Alania, Federazzjoni Russa) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel</p>	<p>Viċi Ministru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa. Huwa jinsab fir-raba' post fil-ġerarkija ġenerali tat-tmexxija militari Russa. F'dan ir-rwol, huwa responsabbli għall-isforz tal-gwerra Russa b'mod ġenerali. Fid-diversi dehriet pubbliċi tiegħu, bħas-sehem tiegħu fil-konferenza "antifaxxista" organizzata mill-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa, huwa esprima appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. L-azzjonijiet tiegħu juru li huwa jappoġġa, jiġġustifika u jiddefendi b'mod attiv il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.</p> <p>Għalhekk, huwa responsabbli talli, jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politika li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	+

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elencar
1251.	Nikolay Aleksandrovich PANKOV (Николай Александрович ПАНКОВ)	Data tat-twelid: 2.12.1954 Post tat-twelid: Maryino, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Viċi Ministru għad-Difiża, general tar-riżerva tal-armata Russa u segretarju tal-istat tal-Federazzjoni Russa. Huwa jinsab fil-ħames post fil-ġerarkija ġenerali tat-tmexxija militari Russa. Minħabba l-pożizzjoni ewlenija tiegħu fl-intrapriża militari tar-Russja, huwa responsabbli għall-isforz tal-gwerra Russi b'mod ġenerali. Huwa kien involut fl-iskjerament ta' truppi fl-Ukrajna. Barra minn hekk, fid-dehriet pubbliċi tiegħu huwa appoġġa u ġġustifika apertament il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Huwa ppremjja wkoll lill-paraxutisti Russi bi premijiet għas-sehem tagħhom fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Dawk l-azzjonijiet juru li huwa jappoġġa u jiddefendi b'mod attiv il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.  Huwa għalhekk responsabbli għal, li jappoġġa u jimplementa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	+

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
1252.	Yuriy Eduardovich SADOVENKO (Юрий Эдуардович САДОВЕНКО)	Data tat-twelid: 11.9.1969 Post tat-twelid: Zhitomyr, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Ukrajna) Nazzjonalità: Ukrena Sess: raġel	Viċi Ministru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa, kif ukoll kap tal-Uffiċċju tal-Ministru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa, u l-Kurunell Ġeneral tal-forzi armati Russi. Huwa jinsab fis-seba' post fil-ġerarkija ġenerali tat-tmexxija militari Russa. Minħabba l-pożizzjoni ewlenija tiegħu fl-intrapriża militari tar-Russja, Yuriy Sadovenko huwa responsabbli għall-isforzi tal-gwerra Russi b'mod ġenerali. Huwa kien involut fl-iskjerament ta' truppi fl-Ukrajna. Barra minn hekk, fid-dehriet pubbliċi tiegħu huwa appoġġa u ġġustifika apertament il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.  Huwa għalhekk responsabbli għal, li jappoġġa u jimplementa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.	+

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1253.	Timur Vadimovich IVANOV (Тимур Вадимович ИВАНОВ)	Data tat-twelid: 15.8.1975 Post tat-twelid: Moscow, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	<p>Viċi Ministru attwali għad-Difiża. F'din il-pożizzjoni, huwa responsabbli għall-akkwist ta' oġġetti militari u għall-konstruzzjoni ta' faċilitajiet militari. Huwa jinsab fl-għaxar post fil-ġerarkija ġenerali tat-tmexxija militari Russa. Minħabba l-pożizzjoni ewlenija tiegħu fl-intrapriża militari tal-Federazzjoni Russa, huwa responsabbli għall-isforz tal-gwerra Russi b'mod ġenerali. Matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, huwa żar għal diversi drabi l-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" u l-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" biex jispezzjona l-faċilitajiet li qed jinbnew mill-forzi okkupanti Russi. Barra minn hekk, huwa ta diversi premjijiet statali lill-persunal militari Russu midruba fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Dawk l-azzjonijiet juru li huwa jappoġġa u jiddefendi b'mod attiv il-gwerra kontra l-Ukrajna.</p> <p>Huwa għalhekk responsabbli għal, li jappoġġa u jimplementa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	+

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1254.	Sergey Borisovich RYZHKOV (Сергей Борисович РЫЖКОВ)	Data tat-twelid: 25.10.1968 Post tat-twelid: Voronezh, Preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Maġġur Ġeneral tal-forzi armati Russi u Kmandant tal-41 Armata Interarmi. Għalhekk huwa figura ewlenija fl-ordni tal-battalja tar-Russja u qeda rwol ċentrali fl-invażjoni u l-okkupazzjoni tat-territorju Ukren. F'dan ir-rwol, huwa responsabbli għall-isforz tal-gwerra Russa b'mod ġenerali.  Huwa għalhekk responsabbli għal, li jappoġġa u jimplementa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	+

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elencar
1255.	Aleksander Viktorovich КОЧКИН (Александр Викторович КОЧКИН)	Data tat-twelid: 10.2.1957 Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Direttur Eżekuttiv tal-impriża Tecmash. Tecmash hija disinjatur u manifattur ewlieni tal-missili u l-munizzjon użati mill-Forzi Armati Russi. Il-kumpanija subordinata tagħha, NPO Splav, timmanifattura lanċaturi ta' rokits multipli BM-27 Uragan u BM-30 Smerch li ntużaw mill-Forzi Armati Russi matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-Forzi Armati Russi użaw il-lanċaturi ta' rokits multipli BM-27 Uragan u BM-30 Smerch f'attakki b'munizzjon dispersiv kontra miri ċivili fl-Ukrajna li kkaġunaw bosta vittmi.  Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplementa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna, jew li jostakolaw il-ħidma ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fl-Ukrajna.	+

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elencar
1256.	Vladimir Grigorevich KULISHOV (Владимир Григорьевич КУЛИШОВ)	Data tat-twelid: 20.7.1957 Post tat-twelid: Rostov Oblast, Preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	<p>Kap tas-Servizz tal-Fruntieri tar-Russja u Viċi Direttur tas-Servizz tas-Sigurtà Federali (FSB) tal-Federazzjoni Russa.</p> <p>Il-funzjonarji tas-Servizz tal-Fruntieri tal-FSB tal-Federazzjoni Russa taħt il-kmand tiegħu ħadu sehem f'operazzjonijiet sistematiċi ta' "filtrazzjoni" u deportazzjonijiet furzati ta' Ukreni mit-territorji okkupati tal-Ukrajna. Il-gwardji tal-fruntiera Russi ssuġġettaw illegalment lil ċittadini Ukreni għal interrogazzjonijiet, tfittxijiet u detenzjonijiet fit-tul.</p> <p>Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplementa azzjonijiet ju politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna, jew li jostakolaw il-ħidma ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fl-Ukrajna.</p>	+

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
1257.	Nikolay Viacheslavovich RASTORGUEV (Николай Вячеславович РАСТОПГУЕВ)	Data tat-twelid: 21.2.1957 Post tat-twelid: Lytkarino, Moscow Oblast, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Kantant Russu u membru tal-Kunsill Pubbliku tal-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa. Huwa appoġġa b'mod attiv il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna permezz tal-ispettakli mużikali u l-attivitajiet pubbliċi tiegħu. Huwa ta' spettaklu matul id-dimostrazzjoni ta' propaganda b'appoġġ għall-annessjoni illegali tal-Krimea u l-gwerra kontra l-Ukrajna, li saret fit-18 ta' Marzu 2022 fl-Istadju Luzhniki f'Moska. Barra minn hekk, huwa ta' spettakli lil suldati li kienu qed jiġġieldu fil-gwerra kontra l-Ukrajna, u ta' fondi lil Donbas okkupat mir-Russja.  Għalhekk huwa responsabbli li, b'mod attiv jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna.	+

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elencar
1258.	Oleg Mikhaylovich GAZMANOV (Олег Михайлович ГАЗМАНОВ)	Data tat-twelid: 22.7.1951 Post tat-twelid: Gusev, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Mużiċist Russu. Huwa membru tal-Kunsill Pubbliku tal-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa, li ġie stabbilit fl-2006 bid-Digriet tal-President tal-Federazzjoni Russa b'għan iddikjarat pubblikament li jiżgura kontroll ċivili fuq il-Ministeru għad-Difiża u l-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. Huwa ħa sehem f'avvenimenti pubbliċi organizzati mill-Partit fil-gvern Russja Magħquda.  Huwa appoġġa l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fid-dikjarazzjonijiet u l-ispettakli mużikali tiegħu. Huwa ġġustifika l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna billi xerred allegazzjonijiet foloz dwar it-theddida tan-NATO kontra r-Russja, u l-allegata inevitabbiltà ta' gwerra akbar f'każ li ma tittieħed l-ebda azzjoni min-naħa Russa.	+

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-eljenkar
			<p>Huwa ta spettaklu matul id-dimostrazzjoni ta' propaganda b'appoġġ għall-annessjoni illegali tal-Krimea u l-gwerra kontra l-Ukrajna, li saret fit-18 ta' Marzu 2022 fl-Istadju Luzhniki f'Moska. Huwa ta spettaklu wkoll fil-kunċert għall-membri tas-servizzi Russi midruba li ġġieldu fil-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Huwa wieħed mill-artisti Russi li appoġġaw pubblikament il-politika tal-President Putin dwar l-Ukrajna u l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol fl-2014.</p> <p>Għalhekk huwa responsabbli li, b'mod attiv appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna.</p>	

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elencar
1259.	Dmitry Evgenevich SHUGAEV (Дмитрий Евгеньевич ШУГАЕВ)	Data tat-twelid: 11.8.1965 Post tat-twelid: Moscow, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Direttur tas-Servizz Federali għall-Kooperazzjoni Militari-Teknika tal-Federazzjoni Russa (FSVTS). L-FSVTS huwa korp eżekuttiv federali responsabbli għall-kontroll u s-sorveljanza fil-qasam tal-kooperazzjoni militari-teknika bejn il-Federazzjoni Russa u pajjiżi barranin. F'dan ir-rwol, huwa responsabbli għall-kontroll u s-superviżjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni militari-teknika, kif ukoll għall-iżvilupp tal-politika tal-istat fil-qasam tal-kooperazzjoni militari-teknika, u b'hekk huwa responsabbli għall-isforz tal-gwerra Russa b'mod ġenerali.  Huwa għalhekk responsabbli għal li, jappoġġa u jimplementa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	+

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
1260.	Gennadiy Valeryevich ZHIDKO (Геннадий Валериевич ЖИДКО)	Data tat-twelid: 12.9.1965 Post tat-twelid: Yangiabad, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa Uzbekistan) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Membru ewlieni tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. F'Ġunju 2022 ingħata l-kmand operazzjonali tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u kien jikkmanda r-Raggruppament tal-Forzi tan-Nofsinhar tar-Russja. Huwa kien involut b'mod attiv fl-iskjerament ta' truppi fl-Ukrajna u ssorvelja l-implimentazzjoni ta' ordni biex jintbagħtu minorenni Russi fit-teatru tal-gwerra Ukren. B'mod attiv jappoġġa, jiġġustifika u jiddefendi l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Huwa għalhekk responsabbli għal li, jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	+

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
1261.	Aleksandr Gelyevich DUGIN (Александр Гельевич ДУГИН)	Data tat-twelid: 7.1.1962 Post tat-twelid: Moscow, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Filosfu politiku Russu, xjentist politiku, analista, strateġista u ideologu stabbilit ta' teoriji ta' Russky mir u tal-Ewrasjanizmu. Huwa membru tal-hekk imsejjaħ Klabb ta' Izborsk, grupp ta' riflessjoni Konservattiv Russu li jispeċjalizza fl-istudju tal-politika barranija u domestika tar-Russja.  Dugin iġġustifika ideoloġikament u teoloġikament l-annessjoni tal-Krimea u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, u jaraha bħala l-"ħelsien" tal-Ukrajna mill-influwenza tal-Punent. L-idea fil-qalba tal-ideoloġija ta' Dugin hija l-bini ta' imperu totalitarju Ewrasjatiċu ddominat mir-Russja, li jinkludi l-Ukrajna, għal raġunijiet storiċi, reliġjużi u ġeografiċi. Is-suppożizzjoni ideoloġika ta' Dugin hija li l-Ukrajna hija stat artifiċjali li qed jhedded is-sigurtà tar-Russja u tal-imperu mistgħajjel Ewrasjatiċu. Għaldaqstant l-invażjoni militari tal-Ukrajna kienet inevitabbli. Huwa appella lill-President Vladimir Putin biex jinvadi l-ilvant tal-Ukrajna militarment.	+

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
			<p>Dugin ippromwova l-kunċett tad-Dinja Russa marbut man-nazzjonaliżmu espansiv u l-politika ta' ritaljazzjoni tal-era ta' Putin, li jinvolvi l-idea ta' patrija storika li ttiprotegi s-suġġetti tad-Dinja Russa. Huwa għen jirxoxta l-kunċett ta' "Novorossiya" jew "Russja Għida" — isem storiku, użat fl-era tal-Imperu Russu għal żona amministrattiva li llum tagħmel parti mill-Ukrajna.</p> <p>Dugin appella għad-denazifikazzjoni tal-Ukrajna u sejjaħ lill-gvern tagħha faxxist. Huwa appoġġa b'mod attiv il-moviment separatista pro-Russu fil-Lvant tal-Ukrajna, u strumentalizza t-teorija tiegħu ta' viżjoni dinjija billi stabbilixxa l-Unjoni taż-Żgħażaġħ Ewrasjatika, li kienet qed twettaq attivitajiet immirati biex idgħajfu s-sovranià tal-Ukrajna.</p> <p>Għaldaqstant, Aleksander Dugin huwa responsabbli għal li, jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna.</p>	

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-eLenkar
1262.	Ella Aleksandrovna PAMFILOVA (Элла Александровна ПАМФИЛОВА)	Data tat-twelid: 12.9.1953 Post tat-twelid: Olmaliq, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l- Uzbekistan) Nazzjonalità: Russa Sess: mara	President tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC) tal-Federazzjoni Russa. Is-CEC hija responsabbli għall-organizzazzjoni tar-referenda illegali fir-reġjuni okkupati tal-Ukrajna. F'dan ir-rwol, Ella Aleksandrovna Pamfilova hija responsabbli għal li, tappoġġa u timplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	+".

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

Entitajiet

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
"112.	JSC Goznak (Russu: АО «Гознак»)	<p>Indirizz: 17 Mytnaya Street, Moscow, Russian Federation</p> <p>Tip ta' entità: Kumpanija b'ishma konġunti</p> <p>Post tar-reġistrazzjoni: Il-Federazzjoni Russa</p> <p>Numru tar-reġistrazzjoni: TIN 7813252159</p> <p>Post prinċipali tan-negozju: Moska, il-Federazzjoni Russa</p> <p>Entitajiet assoċjati oħra: Gvern tal-Federazzjoni Russa</p>	<p>Kumpanija b'ishma konġunti proprjetà tal-istat Russu responsabbli għall-manifattura ta' prodotti ta' sigurtà inkluż karti tal-flus, muniti, bolol, karti tal-identità, dokumenti siguri, ordnijiet tal-istat u midalji. Għalhekk, JSC Goznak hija responsabbli għall-istampar tal-passaporti kollha Russi, inkluż il-passaporti mqassma fir-reġjuni okkupati tal-Ukrajna, inkluż id-Donbas, kif ukoll għal dokumenti militari tas-Settur tad-Difiża tar-Russja. It-tqassim tal-passaporti jaqdi rwol importanti fit-tentattiv tar-Russja li "tirrussifika" u tiddistabbilizza lill-Ukrajna.</p> <p>Għalhekk, JSC Goznak hija responsabbli li qed tappoġġa, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	+

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
113.	<p>OJSC V.A. Degtyarev Plant</p> <p>(Russu: ОАО «Завод имени В.А. Дегтярева»)</p> <p>magħrufa wkoll bħala Degtyarev Plant</p> <p>(Russu: «Завод имени Дегтярева»)</p> <p>magħrufa wkoll bħala ŻiD</p> <p>(Russu: «Зид»)</p>	<p>Indirizz: 4 Truda st., Kovrov 601900 Vladimir region, Russian Federation</p> <p>Telefon: +8 (49232) 9-12-09</p> <p>Sit web: www.zid.ru</p> <p>Email: zid@zid.ru</p> <p>Individwi assoċjati:</p> <p>Aleksander Vladimirovich Tmenov</p>	<p>Kumpanija tad-difiża li tipprovdi armi lill-Forzi Armati Russi. Hija mmanifatturat il-missili Igla MANPADS, 9M119M "Refleks" u 9M120 "Ataka" u l-lanċaturi tal-missili 3UBK20 li ntużaw mill-Forzi Armati Russi matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.</p> <p>Degtyarev Plant hija għalhekk hija responsabbli talli appoġġat, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li dgħajfu jew heddeu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	+

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
114.	<p>МКВ “Fakel” imsemmi għal P.D. Grushin (Russu: МКБ «Факел» имени академика П. Д. Грушина)</p>	<p>Indirizz: Khimki, Akademika Grushina 33, 141401 Moscow region, Russian Federation Telefon: + 8 (495) 572-01-33 Sit web: <a href="https://www.mkbfake.ru">https://www.mkbfake.ru</a> Email: <a href="mailto:info@npofake.ru">info@npofake.ru</a> Entitajiet assoċjati: JSC Concern VKO “Almaz-Antey”</p>	<p>Kumpanija tad-difiża Russa li ddiżinjat is-sistemi tal-missili S-300, S-400 u TOR li ntużaw mill-Forzi Armati Russi matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.</p> <p>Għalhekk MKB Fakel hija responsabbli talli appoġġat, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li dgħajfu jew heddeu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	+

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
115.	JSC Irkut Corporation (Russu: Корпорация "ИРКУТ")	Indirizz: Leningradskiy Prospect 68, Moscow, 125315, Russian Federation Telefon: +7 (495) 777-21-01 Sit web: irkut.com Email: office@irkut.com Individwi assoċjati: Alexander Veprev, Viċi Kap Direttur Ġenerali tal-JSC "Irkut" Corporation, u Yuri Slyusar, Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' PJSC "UAC"..	Manifattur tal-inġenji tal-ajru Russu li jipprovdi inġenji tal-ajru tal-ġlied lill-Forzi Armati Russi. Huwa mmanifattura l-inġenji tal-ajru tal-ġlied supermanuvrabbli Su-30SM li ntużaw mill-Forzi Armati Russi matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Irkut Corp huwa responsabbli talli appoġġa, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li dgħajfu jew heddedw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	+

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
116.	MMZ Avangard (Russu:AO "MM3 "АВАНГАРД")	Indirizz: Klary Tsetkin street 33, 125130, Moscow, Russian Federation Telefon: +7 (495) 639-99-90 Sit web: <a href="https://mmzavangard.ru/">https://mmzavangard.ru/</a> Email: <a href="mailto:avangardmos@mmza.ru">avangardmos@mmza.ru</a> Entitajiet assoċjati: JSC Concern VKO "Almaz-Antey"	Kuntrattur fil-qasam tad-difiża li jipprovdi armi lill-Forzi Armati Russi. Huwa mmanifattura missili għas-sistemi tal-missili S-300 u S-400 li ntużaw mill-Forzi Armati Russi matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, MMZ Avangard huwa responsabbli talli appoġġa, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li dgħajfu jew heddeu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	+

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
117.	<p>JSC A. N.Ganichev Scientific and Production Association "SPLAV"</p> <p>(Russu: АО "Научно-производственное объединение "СПЛАВ" имени А. Н. Ганичева")</p> <p>magħruf ukoll bħala JSC NPO "Splav" (Russu: АО НПО "Сплав")</p>	<p>Indirizz: Shcheglovskaya zaseka Str. 33, Tula, 300004 Russian Federation</p> <p>Telefon: +7 (4872) 46-44-09</p> <p>Sit web: www.splav.org, www.splavtula.ru, сплав.рф</p> <p>Email: mail@splavtula.ru</p> <p>Individwi assoċjati: Aleksander Vladimirovich Smirnov</p> <p>Sergey Yurevich Alekseev</p> <p>Boris Andreevich Belobragin</p> <p>Sergey Anatolevich Guliy</p> <p>Vladimir Nikolaevich Kondaurov</p> <p>Denis Nikolaevich Kochetkov</p>	<p>Manifattur tal-armi Russu li jipprovdi armi lill-Forzi Armati Russi.</p> <p>Huwa pproduċa l-lanċaturi ta' rokits multipli BM-27 Uragan u BM-30 Smerch li ntużaw mill-Forzi Armati Russi matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-Forzi Armati Russi użaw il-lanċaturi ta' rokits multipli BM-27 Uragan u BM-30 Smerch f'attakki b'munizzjon dispersiv kontra miri ċivili fl-Ukrajna li kkaġunaw bosta vittmi.</p> <p>Għalhekk NPO Splav huwa responsabbli talli appoġġa, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li dgħajfu jew heddeu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	+

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
		Maksim Grigorevich Rapota Oleg Veniaminovich Stolyarov Viktor Ivanovich Tregubov Olga Olegovna Yakunina Entitajiet assoċjati: JSC Research and Industrial Concern "Machine Engineering Technologies" - JSC RIC TECMASH		

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
118.	Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC)	<p>Indirizz: 109012, Bol'shoy Cherkassky Pereulok, Building 9, Moscow, Russian Federation.</p> <p>Tip ta' entità: Korp tal-istat tal-Federazzjoni Russa</p> <p>Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation</p> <p>Data ta' Reġistrazzjoni: 12.6.2002 skont il-Liġi Federali Nru 67-FZ</p> <p>Entitajiet assoċjati oħra: Gvern tal-Federazzjoni Russa</p>	<p>Il-Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC) tal-Federazzjoni Russa hija korp tal-istat Russu responsabbli għall-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet u referenda għall-Federazzjoni Russa. Bħala tali, is-CEC hija responsabbli għall-organizzazzjoni ta' referenda illegali fir-reġjuni okkupati tal-Ukrajna u għalhekk hija responsabbli talli, tappoġġa u timplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	+".

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.